MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MARSEANN FARRUGIA**

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2013

Numru. 434/2006

**Il-Pulizija**
**(Sp Jurgen Vella)**

**vs.**

**Miriam Caruana**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Miriam Caruana bint missier mhux maghruf u Sally Caruana mwielda Pieta fl-20 ta’ Novembru 1983 u residenti 22 Triq Carmel Valletta, ID 14784 (M)

(a) Akkuzata talli f’dawn il-Gzejjer fis-6 ta’ Mejju 2006 u fil-gimghat ta’ qabel din id-data kellha fil-pussess taghha d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’

Malta meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinitx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset milli tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) ta' l-Artikolu 22 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Wara li rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputata wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatha bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni, u ikkoncedietilha zmien bizzejjed biex terga' tikkonsidra t-twegiba taghha u terga' lura minnha;

Wara li rat u semghet il-provi u t-trattazzjoni dwar il-piena,

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputata stess, il-Qorti issib lill-imputata hatja ta' l-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni tal-imputata fl-ewwel seduta fejn instemghu il-provi, il-fatt li kkoperat mal-pulizija, li ghandha fedina penali rafrettarja bi 15-il kundanna minn dawn il-Qrati fosthom ghal pussess u traffikar ta' droga. Il-Qorti ser

tiehu in konsiderazzjoni d-dewmien ta’ dawn il-proceduri illi bdew f’Novembru 2006 safejn dan id-dewmien huwa attriwibbli ghall-prosekuzzjoni, ghaliex l-imputata kkontribwiet ghal dan id-dewmien billi gieli naqset li tidher il-Qorti ghalkemm notifikata, jew dehret bla avukat jew riedet tbiddel l-avukat.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a) u 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 u r-Regolament 9 tal-GN 292/1939 issib lill-imputata hatja ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra taghha u qed tikkundannaha ghal multa ta’ hames mitt Euro (€500), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tista’ tithallas b’rati mensili u konsekuttivi ta’ hamsin Euro (€50.00) bl-ewwel pagament ghandu jsir mhux akar tard mill-1 ta’ April 2013. Pero jekk il-hatja tonqos li thallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut

In vista tal-fatt li fil-kawza odjerna ma gew inkorsi l-ebda ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti, il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-prosekuzzjoni li saret ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------